MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 449/2001/1

**SMS Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Maria Carmela Abela**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici bhala assikuranti ta' u surrogata fid-drittijiet ta' Neville Mifsud, dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rappresentanti danni sofferti konsegwenza ta' incident stradali li gara fl-1 ta' Gunju, 2000 fi Triq Birbal, Balzan, bejn vettura numru ta' registrazzjoni FAW 031 misjuqa mill-konvenuta u vettura bin-numru ta' registrazzjoni SMS 001 misjuqa minn Dione Buhagiar u dan previa d-dikjarazzjoni li l-istess incident gara unikament minhabba

traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali ppresentata f’April, 2001 u bl-imghax mid-data tal-istess sad-data tal-hlas relattiv.

Il-konvenuta gieta ngunta ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta’ kompetenza jigi dikjarat li l-valur mertu ta’ dan il-kawza ma jeccedix is-somma ta’ Lm900.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 13 tal-atti) u li biha eccepiet, bir-rispett, illi t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontriha ghax ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienetx tahti l-eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 42, 43 u 44 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi l-unici provi prodotti, f’dan il-kaz, kienu da parti tas-socjeta attrici u, in sintesi, kienu kif ser jinghad:-

1) Dione Buhagiar (fol 31 u fol 32 ibid) spjega li kien qed isuq il-karozza tal-marka Citroen Berlingo u bin-numru SMS001, appartenenti lill-assikurat tal-istess socjeta attrici u kien gej minn Triq il-Kbira (Main Street) sabiex jdur, fejn hemm hanut tal-laham, u jidhol go Triq Birbal, li tmur lejn il-Palazz ta’ San Anton (ara l-iskizz esebit in atti minn WPS 23 Josephine Moore a fol 23). Mill-istess dokument jidher li, fuq in-naha l-ohra tal-vettura misjuqa mix-xhud kien hemm mera faccata tieghu u meta hares lejha, ra li l-karozza l-ohra numru FAW 031, misjuqa mill-konvenuta, ma kienetx waqfet fuq is-sinjal ta’ ‘stop’ kif muri fuq l-istess skizz u kif ra hekk, hu waqaf izda ‘…….. il-karozza l-ohra dahlet go fija’. Dwar dan, l-istess xhud, pero’ biddel xi ftit il-versjoni tieghu fl-ahhar tax-xhieda

tieghu. Difatti hu ppreciza li kien ra, ghall-ewwel darba, l-vettura l-ohra meta din '….. gia qabzet l-stop sign' u filfatt '……. lppresumejt li (la) ma waqfitx ……. Minhabba l-speed li kienet ghaddejja bih….'.

2) L-istess WPS 23 Josephine Moore (fol 37 et seq ibid) li esebiet kopja tar-rapport u tal-imsemmi skizz (fol 38 u 39 ibid). Ta' minn jinnota li skond id-'Drivers Statement' (a fol 40 ibid) Dione Buhagiar kien stqarr li '….. from the mirror opposite saw no one coming ……' u mhux kif xehed quddiem din il-Qorti 'waqt li l-konvenuta kienet stqarret li, filfatt, kienet waqfet '….. because she came to a blind corner and on a stop sign…..'. Pero', kif jidher mill-atti, l-konvenuta qatt ma dehret quddiem l-istess Qorti sabiex tissostanzja, bil-gurament taghha, dak li kienet stqarret 'a caldo' lill-Pulizija. Minhabba hekk, il-Qorti trid tistrieh fuq ix-xhieda ta' Dione Buhagiar u fuq il-versjoni tal-incident in esami moghtija minnu fix-xhieda tieghu kif premessa.

3) Diversi dokumenti esebiti b'nota (fol 17 et seq ibid) minn fejn jidher li d-danni involuti u kagunati fuq il-karozza numru SMS001 kienu jammontaw, bhala valur, ghas-somma ta' Lm507.56,0 liema ammont ma giex kontestat, b'xi prova kontrarja.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, u fin-nuqqas ta' xi prova da parti tal-konvenuta in sostenn ta' dak eccepit minnha (ara fol 36, 42, 43 u 44 tal-istess atti) it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti in vista li, kif jidher, mix-xhieda ta' Dione Buhagiar, li l-konvenuta ma waqfitx kif waslet mas-sinjal msemmi u, b'hekk, ikkagunat dan l-incident minhabba negligenza fis-sewqan da parti taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba

traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta;
2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm507.56,0 u;
3. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm507.56,0 bl-imghax legali mit-30 ta’ April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ April 2001, msemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------